**PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 18 ta` Marzu 2021**

**Kawza Nru. 3**
**Rikors Nru. 64/2020 JZM**

**Stephen Spiteri**

***kontra***

**(1) Il-Ministru ghal-Gustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza**

**(2) Direttur (Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali, Malta)**

***u***

**(3) L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors li kien prezentat fil-11 ta` Marzu 2020 li jaqra :–

*Illi din hija kawza ghal rimedju fit-termini tad-dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem wara li l-esponenti gie indebitament mizmum ghal hmistax-il jum fil-Facilita Korrettiva ta` Kordin;*

*Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni huma kif gej :*

*(i) Illi permezz ta` sentenza tat-3 ta` Marzu 2014, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali sabet lill-esponenti hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u cjoe talli b`diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta` Awwissu 2012 sa Mejju 2013 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b`kuntratt naqas li jaghti lil Sharon Spiteri u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma, u kkundannatu ghall-piena ta` sitt xhur prigunerija;*

*(ii) Illi l-esponenti interpona appell minn din is-sentenza, liema appell gie appuntat ghas-smigh quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) gas-seduta ta` nhar il-31 ta` Jannar 2019;*

*(iii) Illi l-esponenti qatt ma gie notifikat bl-avviz tas-smigh tal-appell (ghad li mill-atti processwali tirrizulta riferta pozittiva) u kwindi kien impossibbli ghall-esponenti li jkun jaf bis-seduta tal-3l ta` Jannar 2019. Konsegwenza t`hekk, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminal iddikjarat l-appell dezert u b`hekk is-sentenza moghtija mill-qorti inferjuri giet in vigore;*

*(iv) Illi nhar l-20 ta` Frar 2020 l-esponenti gie arrestat minn gewwa l-post fejn jabita f`Birkirkara u ttiehed fil-Facilita` Korrettiva ta` Kordin sabiex jibda jiskonta l-piena tieghu;*

*(v) Illi ghad li mfixkel b`din l-esperjenza li certament kexkxitu anke ghaliex ma setax jifhem kif spicca jiskonta piena karcerarja, l-esponenti ghamel kuntatt mal-avukat tieghu u minn stharrig li sar* ***irrizulta li kienet saret riferta inveritiera da parti tal-marixxal tal-Qorti Joseph Schembri****. Fil-fatt irrizulta li l-appell tal-esponenti kien gie dikjarat dezert fis-seduta tal-31 ta` Jarrrar 2019. Kien minhabba f`hekk li l-esponenti spicca mfittex mill-Pulizija sakemm gie kkalzrat u kellu jibda jiskonta l-piena. L-esponenti gie mizmum fil-Facilita` Korrettiva ta` Kordin bejn l-20 ta` Frar 2019 u s-6 ta` Marzu 2019 kif jidher mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A", liema detenzjoni kienet leziva tad-drittijiet fundamentali tieghu;*

*(vi) Illi r-riferta suriferita - li kopja taghha tinsab annessa u mmarkata "Dok. B" - tattesta li l-esponent gie notifikat fit-28 ta` Novembru 2018 gewwa l-appartament 6 f`Entratura A, Triq il-Ghajn, Il-Belt Valletta waqt li jinghad ukoll li l-avviz tas-smigh inghata f`idejn l-esponenti personalment. Fil-verital-esponenti ilu zmien ma jabitax f`dan il-fond u ghalhekk ma setax ikun li huwa gie notifikat b`tali avviz personalment. Jigi dikjarat li l-esponenti jabita mal-partner tieghu Yolanda Galea (K.I. 480273M) gewwa l-fond 30 Flat 1 fi Triq it-Torri Wejter f` Birkirkara u ilu jghix hemm sa minn Dicembru 2016. Tant hu hekk, illi l-esponenti applika ghal sistema ta` redirected mail ma` Maltapost plc sabiex kwalunkwe posta li jircievi gewwa l-fond tal-Belt Valletta tintbaghat fir-residenza tal-partner tieghu gewwa Birkirkara. Jigi mtenni li fil-fatt l-esponenti ttiehed il-habs proprju minn gewwa r-residenza ta` Birkirkara;*

*(vii) Illi rinfaccjat b`tali sitwazzjoni, l-esponenti tramite l-Avukat David Camilleri intavola rikors nhar it-22 ta` Frar 2019 quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fejn talab ir-revoka contrario imperio tad-digriet tal-31 ta` Jannar 2019 fejn l-istess Qorti ddikjarat*

*l-appell tal-esponenti dezert stante li n-notifika ma kinitx valida, u dan kif jidher minn kopja tar-rikors hawn anness u mmarkat bhala Dok. "C". Flimkien mar-rikors gew allegati diversi dokumenti in sostenn ta` tali talba;*

*(viii) Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ordnat notifika lill-Avukat Generali b`jumejn zmien ghar-risposta;*

*(ix) Illi fil-fatt l-Avukat Generali pprezenta risposta nhar il-25 ta` Frar 2019 fejn irriserva li jirrispondi ghar-rikors wara li jixhed bil-gurament il-Marixall Joseph Schembri, il-partner tal-esponenti Yolanda Galea kif ukoll l-istess esponenti;*

*(x) Illi prezentata din ir-risposta, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali appuntat tali rikors ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta` Marzu 2019 - u cjoe tmint ijiem wara, u dan kif jidher mill-kopja tad-digriet annessa;*

*(xi) Illi tali seduta effettivament regghet giet posposta ghal gurnata ohra u cjoe ghall-ghada s-6 ta` Marzu 2019 stante indisposizzjoni tal-Imhallef sedenti u dan kif jidher mill-kopja tad-digriet annessa;*

*(xii) Illi nhar is-6 ta` Marzu 2019, l-esponenti ttiehed quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali u f`dik is-seduta xehdu l-esponenti, il-partner tieghu u l-Marixxal Joseph Schembri;*

*(xiii) lli kif spiccat dik is-seduta u qabel ma nghata provediment fuq ir-rikors tal-esponenti, l-esponenti rega` ttiehed gewwa l-Facilita` Korrettiva ta` Kordin;*

*(xiv) Illi aktar tard matul il-jum l-esponenti sar jaf li kien inghata digriet, u thalla jitlaq mill-habs. Fid-digriet taghha, li kopja*

*tieghu jinsab anness u mmarkat "Dok. D", l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali pprovdiet kif gej:*

*Il-Qorti rat ir-riferta esebita fl-atti, fejn jirrizulta illi l-marixxal Joe Schembri kien innotifika lill-esponenti bir-riappuntament tas-smigh tal-appell ghas-seduta tal-31 ta` Jannar 2019 billi kien halla notifika f`idejn `personali` tal-esponenti nhar it-28 ta` Novembru 2018, **illi kif jirrizulta mix-xhieda tal-istess marixxal liema xhieda l-Qorti bl-ebda mod ma tiddubita, din ir-riferta ma thallietx f`idejn l-esponenti, izda giet imhollija fil-letter box tal-indirzz moghti fil-komparixxi fis-sena 2013 bhala Flat 6, Ent. A, Triq il-Ghajn, Valletta.***

*Illi mill-provi jinizulta li l-esponenti ilu ma jghix f`dan l-indrizz sa minn Dicembru 2016 u in vista ta` dak mistqarr mill-istess marixxal, **il-Qorti tiddikjara li n-notifika tal-appuntament tal-kawza ma kienitx wahda valida u konsegwentement qed tordna r-rilaxx immedjat tal-esponenti** mill-Facllita` Korrettiva ta` Kordin u tirriappunta l-appell ghas-16 ta` April 2019 ghall-kontinwazzjoni, b`dan illi in vista ta` dak li ntqal mill-esponenti fl-awla, il-pagament li huwa kien lesti li jaghmel lil martu ghandu jsir qabel id-differiment li jmiss sabiex b`hekk din l-istess kawza tista` tithalla ghas-sentenza.*

*(xv) Illi sussegwentement, permezz ta` sentenza tas-26 ta` Settembru 2019, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "E", l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ddisponiet mill-appell tal-esponenti mis-sentenza tat-3 ta` Marzu 2014. Permezz ta` din is-sentenza l-Qorti tal-Appelli Kriminal pprovdiet kif gej:*

*Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tichad l-ewwel talba tal-appellant ghat-thassir, revoka u kancellament tad-digriet tat-tlieta (3) ta` Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn l-Ewwel Qorti cahdet it-talba ghas-soprasessjoni u tas-sentenza fl-ismijiet premessi u ghalhekk qieghda tichad it-talba gas-soprassessjoni. Din il-Qorti qieghda fir-rigward tat-tieni talba kontenuta fir-rikors tal-appell u cioe` dik enumerata `ii` tilqa` limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma l-htija, tirrevoka fejn il-Qorti ordnat sitt (6) xhur prigunerija u minflok tordna tliet (3) xhur prigunerija li permezz tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 dan il-perjodu*

*qieghed jigi sospiz ghal erba` (4) snin. Inoltre, din il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H tordna li l-appellant ihallas lil Sharon Spiteri s-somma ta` hames mitt ewro (€500) fi zmien sitt (6) xhur mil-lum bhala kumpens ghad-danni sofferti.*

*Illi jsegwi ghalhekk li htija ta` dan l-incident l-esponenti gie pprivat mil-liberta` tieghu u spicca mizmum fil-Facilita` Korrettiva ta` Kordin bejn l-20 ta` Frar 2019 u s-6 ta` Marzu 2019 fil-waqt li ma nghatax smigh xieraq skont il-ligi u dan bi ksur tal-Art. 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi dan kollu gara minhabba diversi nuqqasijiet, fosthom:*

*(i) in-nuqqas lampanti ta` marixxall u cjoe ufficjal tal-Qorti;*

*(ii) in-nuqqas ta` garanziji fil-process penali;*

*(iii) id-dewmien inutli u mhux gustifikat tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tisma` r-rikors tal-esponenti bi speditezza;*

*(iv) il-fatt li l-esponenti rega` intbaghat il-habs wara s-smigh biex imbaghad gie rilaxxjat;*

*Illi sinifikattiv li minkejja li l-esponenti spicca l-habs intortament, l-ordni ghar-rilaxx tieghu gie, wiehed jista` jghid, kundizzjonat fis-sens li l-pagament mertu tal-proceduri kriminali kontra l-esponenti kellu jsir qabel id-differiment li kien imiss sabiex bil-ghan li l-appell ikun jista` jithalla ghas-sentenza. B`kull rispett, f` dak il-punt il-gustizzja kellha ssir fuq il-fatt li l-esponenti spicca l-habs minhabba agir illecitu ta` marixxall u mhux fuq il-mertu tal-proceduri, u fuq kollox kellu jsir bi speditezza liema bhalha;*

*Illi f` dan is-sens tajjeb issir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEDB") fl-ismijiet "Kart vs Turkey" nhar it-3 ta` Dicembru 2009, fejn il-Qorti spjegat fid-dettall il-fatt li Qrati ghandhom jiddeciedu dwar proceduri kriminali fi*

*zmien ragjonevoli u l-akkuzat m`ghandux jithalla f` wisq zmien ta` incertezza:*

*68. While there is no right under Article 6 of the Convention to a particular outcome of criminal proceedings or, therefore, to a formal conviction or acquittal following the laying of criminal charges (see Withey v. the United Kingdom (dec.), no.59493100, ECHR 2003-X), there is indisputably a right to have one`s case heard by a court within a reasonable time once the judicial process has been set in motion.* ***That right is based on the need to ensure that accused persons do not have to remain too long in a state of uncertainty as to the outcome of the criminal accusations against them*** *(see Stogmiiller v. Austria, 10 November 1969, $ 9, Series A no..9, and Wemhoff v. Germany, 27 J:urire 1968, $ 18, Series A no` 7)`*

*Illi d-detenzjoni illegali kellha diversi effetti negattivi fuq l-esponent, kemm personali kif ukoll psikologici, stante li huwa spicca l-habs b`mod effettiv ghall-ewwel darba f` hajtu minghajr ma seta` jifhem x`gara. Konsegwenza ta` tali arrest, l-esponenti tilef kull introjtu kemm dam prigunier u kellu problemi wara li gie effettivament rilaxxjat sabiex jerga` jirripristina hajtu ghal li kienet qabel gie mizmum illegalment. Kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza, tali detenzjoni illegali kellha effetti pekunarji u psikologici fuq l-esponenti li l-ebda kumpens mhu se jnessi;*

*Illi in vista tas-suespost, intbaghtet ittra datata 17 ta` Otttbru 2019, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "F", mill-avukat sottofirmat f`isem l-esponenti fejn fiha giet spjegata s-sitwazzjoni suriferita lill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja, lid-Direttur (Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali, Malta), lill-Marixxall Joseph Schembri u lill-Avukat Generali (illum l-Anvukat tal-Istat). Fl-istess ittra gie spjegat illi l-esponenti sofra ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu u talab rimedju effettiv. Minkejja dan, sal-lum din l-ittra baqghet mhux imwiegba mill-ebda parti li lilha kienet indinzzata - xhieda ta` kemm l-istat ma weriex interess fis-sitwazzjoni li spicca fiha l-esponenti;*

*Illi ghalhekk l-esponenti sofra lezjoni tal-jeddijiet fundamentali tieghu u senjatament ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Art. 34 u 39 tal-Kostittzzjoni ta` Malta u tal-Art. 5 u Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, stante illi l-esponenti sofra minn arrest arbitrarju u illegali kif ukoll peress li ma nghatax smigh xieraq;*

*Illi in sostenn ta` dan issir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-QEDB tal-31 ta` Mejju 2016, fl-ismijiet "Gankin and others vs Russta". fejn fuq il-punt li l-esponenti naqas milli jidher ghal smigh u b`konsegwenza tali appell gie dikjarat dezert, qalet is-segwenti fuq jekk jikkonsistix fi ksur tal-jedd ghal smieh xieraq:*

*A domestic court`s failure to ascertain whether an absent party had received the summons in due time and, if he had not, whether the hearing should be adjourned, was in itself incompatible with genuine respect for the principle of a fair hearing and could lead the Court to finding a violation of Article 6 § 1.*

*Illi jsegwi li fil-kaz odjern, anke s-semplici fatt li l-appell tal-esponenti gie ddikjarat dezert minghajr gie accertat jekk l-esponent kienx jew setax ikun konxju tad-data u l-hin tas-smigh, l-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali cahhdet lill-esponenti mid-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi inolte l-jeddijiet tal-esponenti gew lezi ai termini tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, meta gie mcahhad mil-liberta` personali tieghu. F`kazijiet simili, l-Istat m`ghandux biss l-obbligu li jaccerta li t-tali drittijiet kif sanciti taht dan l-artikolu jigi ssalvagwardjati, izda ghandu wkoll joffri rimedju* ***b`mod immedjat*** *lil dawk il-persuni li gew ipprivati mil-liberta` taghhom b`mod ingust, u dan specjalment f`kazi fejn l-awtoritajiet setghu kienu jafu b`tali arrest, kif gara fil-kaz odjern. F`dan ir-rigward, fis-sentenza bl-ismijiet "Storck vs Germany" deciza mill-QEDB fis-16 ta` Gunju 2005 inghad is-segwenti:*

*102. Having regard to this, the Court considers that Article 5 $ 1, first sentence, of the Convention must equally be construed as laying down a positive obligation on the State to protect the liberty of its citizens. Any conclusion to the effect that this was not the case would not only be inconsistent with the Court`s case-law, notably under Articles 2, 3 and 8 of the Convention, it would also leave a sizeable gap in the protection from arbitrary detention, which would be inconsistent with the importance of personal liberty in a democratic society.* ***The State is therefore obliged to take measures providing effective protection of vulnerable persons, including reasonable steps to prevent a deprivation of liberty of which the authorities have or ought to have knowledge*** *(see, mutatis mutandis, z and Others v. the United Kingdom [GC], no.29392/95, § 73, ECHR 2001- V, and Ilascu and Others v. Moldova and Russia [GC], no.48787/99, §§ 332-52 and 464, ECHR 2004-VII.*

*Illi inoltre, fis-sentenza bl-ismijiet ta` "Medova Is Russia" deciza rnill-QEDB fil-15 ta`Jannar 2009, inghad is-segwenti fir-rigward tal-Art 5 § 1 tal-Konvenzjoni fejn awtoritajiet jew Qrati jonqsu li jwaqqfu arrest illegali immedjatament:*

*123. ... the first sentence of Article 5 S 1 of the convention must be construed as laying down a positive obligation on the State to protect the liberty of its citizens. The Court considers that, in the circumstances of the present case, there are no reasons to consider the scope of the State`s positive obligation under Article 5 of the convention to protect Mr Medov form arbitrary deprivation of liberty to be different from that under Article 2 of the Convention to protect his life.*

*124. ...it considers that the authorities` failure to put an end to Mr Medov`s arbitrary deprivation of liberty while they had every means of doing so constituted a breach of the State`s positive obligation under Article 5 of the Convention.*

*Illi d-dritt ghal-liberta u s-sigurta` tal-persuna hekk kif sanciti fl-Art. 5 tal-Konvenzjoni Ewropea huma essenzjali ghat-thaddim ta`*

*socjeta` demokratika` Inoltre, wiehed irid jara l-Art. 5 tal-Konvenzjoni fl-intier tieghu galadarba tali lezjoni titratta privazzjoni tal-liberta`. F`dan is-sens ghalhekk, jiskatta wkoll l-Art. 5 § 5 tal-Konvenzjoni li jipprovdi espressament li "Everyone who has been the victim of arrest or detention in contravention of the provisions of this Article shall have an enforceable right to compensation";*

*Illi dwar tali dispozizzioni specjali, fis-sentenza suriferita fl-ismijiet "Storck vs Germany" jinghad kif gej f`kaz li jinstab illi kien hemm ksur tal-Art. 5 tal-Konvenzjoni:*

*122. **The Court reiterates that Article 5 $ 5 of the Convention creates a direct right to compensation**, provided that the national courts or the convention institutions have found that an applicant has been deprived of his liberty contrary to Article 5 §§ 1-4 of the convention.*

*Illi ghaldaqstant johrog car illi galadarba l-esponenti gie mizmum b`mod illegali gewwa l-Facilita` Korrettiva ta` Kordin u bi ksur tal-jedd tal-esponenti ghal smigh xieraq, sitwazzjoni li certament tammonta ghal-lezjoni tal-jeddijiet tal-esponenti, l-esponenti ghandu dritt dirett ghall-rimedju pekunarju mill-Qrati taghna anke a tenur tal-Art. 5 § 5 tal-Konvenzjoni;*

*Illi minkejja t-tentattivi tal-esponenti, sal-lum ma inghata ebda rimedju effettiv sabiex is-sitwazzjoni li ghadda minnha l-esponenti tigi rimedjata u ghalhekk l-unika triq li ghandu l-esponenti hija li jirrikorri quddiem din l-Onorabbli Qorti ghall-protezzjom tal-jeddijiet fundamentali tieghu kif sanciti bil-Kostituzzjoni ta` Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedern;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, wettqu ksur tad-drittijiet fundamentali ta` smigh xieraq a bazi tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (kif inkorporata fil-ligi taghna a tenur tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta) u ksur tad-drittijiet fundamentali ta` privazzjoni mil-liberta` personali tieghu abazi tal-Art. 34 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Art. 5 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (kif inkorporata fil-ligi taghna a tenur tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta) liema ksur ta lok ghad-detenzjoni illegali tal-esponenti fil-Facilita` Korrettiva ta` Kordin;*

*2. Tiffissa kumpens xieraq ghal tati vjolazzjonijiet kif ukoll kumpens ghal danni morali liema kumpens huwa dritt dirett hekk kif sancit mill-Art. 5§5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, bl-opera occorrendo ta` periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-kumpens hekk likwidat lill-esponenti, oltre l-imghax;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezentaw l-intimati (hlief ghad-Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali) fil-5 ta` Mejju 2020 li tghid :-

*1. Illi qabel xejn m`hemmx raguni tajba ghalfejn kellu jigi mharrek il-Ministru Ghall-Gustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza. Ghall-ghanijiet tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta kien bizzejjed li jitharrku: (i) id-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali biex iwiegeb ghall-ghemil tal-ufficjali ezekuttivi tal-Qorti skont l-artikolu 520 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta li jirreferik ghall-artikolu 57 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta; u (ii) l-Avukat tal-Istat biex iwiegeb ghall-allegati nuqqasijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Istat b`mod*

*wiesgħa. Jixraq b`hekk, li l-Ministru mharrek jinheles mill-harsien ta` dan il-gudizzju;*

*2. Illi sa fejn l-ewwel talba tar-rikorrenti tinsab mibnija fuq ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, din mhijiex misthoqqa. Ghalkemm huwa minnu li kif jirrizulta mid-digriet moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta` Marzu 2009 (Dok. D mar-rikors kostituzzjonali), huwa ma giex notifikat regolarment bl-avviz tal-appuntament tal-appell kriminali tieghu, madankollu huwa ma garrabx pregudizzju fl-appell tieghu. Kemm hu hekk, huwa nghata l-jedd li jikkontesta r-riferta mahruga mill-ufficjal ezekuttiv tal-Qorti u sahansitra rnexxilu wkoll illi jhassarha. Wara li dan l-episodju gie solvut, l-appell tar-rikorrent nstema` u gie deciz b`sentenza tas-26 ta` Settembru 2019 (Dok. E mar-rikors kostituzzjonali). Ghalhekk meta wiehed iqis il-process gudizzjarju fis-shih tieghu, ma jirrizultax li r-rikorrent garrab ksur tal-jedd tieghu ghas-smigh xieraq minhabba l-fatt wahdu li n-notifika tal-avviz tal-appuntament tal-appell kriminali ma saritx kif suppost;*

*3. Illi f`dan il-kuntest ir-rikorrent ma jghidx sew li l-garanziji processwali ma gewx imharsa. Il-grajja dwar in-notifika zbaljata ma zammitx l-appell kriminali tieghu milli jinstema`. Ghalhekk ladarba l-appell kriminali gie mismugh huwa ma jistax jghid li gie mcahhad minn smigh xieraq;*

*4. Illi lanqas ma jista` jinghad li kien hemm xi dewmien min-naha tal-Qorti tal-Appell Kriminali biex qatghet ir-rikors tieghu dwar in-nuqqas ta` siwi tan-notifika. Fil-fatt ir-rikors tieghu tressaq fit-22 ta` Frar 2019 u d-digriet tal-Qorti tal-Appell Krminali nghata fis-6 ta` Marzu 2019, wara li din semghet il-provi u dak kollu li kellhom xi jghidu l-avukati tal-partijiet;*

*5. Illi fl-ahharnett, ir-rikorrent jghid hazin li l-Qorti tal-Appell Kriminali messha vverifikat is-siwi tan-notifika qabel ma ddikjarat l-appell tieghu bhala dezert. Ir-riferta tal-ufficcjal ezekuttiv tal-Qorti kienet turi li n-notifika kienet saret u ghalhekk kien hemm il-*

*prezunjoni li kollox sar sewwa u dan fuq il-principju li omnia rite et recte facta esse. Il-fatt li wara nstab li n-notifika saret b`mod hazin, ma jfissirx li l-Qorti tal-Appell Kriminali mxiet hazin. F`dak l-istadju ma kienx hemm raguni tajba ghaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kellhiex tafda dak li ddikjara l-ufficjal ezekuttiv taghha;*

*6. Illi minbarra dan, ta` min wiehed jigbed l-attenzjoni li l-appell kriminali kien appuntat ghall-31 ta` Jannar 2019 permezz ta` digriet moghti fit-23 ta` Novembru 2018 (Dok. B mar-rikors kostituzzjonali). Billi l-appell tressaq mir-rikorrent, huwa kien fl-obbligu u fid-dmir li jsegwi l-proceduri kriminali mnedija minnu stess quddiem l-Qorti tal-Appell Kriminali. Ifisser li lil hemm mis-siwi tan-notifika, ir-rikorrent kellu zmien bizzejjed biex personalment jew permezz tal-avukat tieghu jikkonsulta mar-registru kriminali biex isir jaf ghal meta gie appuntat l-appell tieghu;*

*Ghalhekk meta wiehed iqis kollox ma jirrizultax li r-rkorrent garrab ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif imhares bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,*

*7. Illi sa fejn it-tieni talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, din ukoll ma jmesshiex tintlaqa`. Dan ghaliex ir-rikorrent inzamm il-habs ghaliex huwa nstab hati minn Qorti ta` ksur tal-Kodici Kriminali;*

*8. Illi jekk m`hemmx l-elementi ta` arrest arbitrarju meta zzomm persuna arrestata anke jekk wara jirrizulta li l-Pulizija hadet zball fil-persuna li kellha tarresta (ara Darryl Luke Borg vs. Malta deciza mill-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-5 ta` Settembru 2017) u lanqas ma hemm kaz ta` arrest arbitrarju meta persuna li tkun mizmuma arrestata tigi dikjarata mhux hatja tal-akkuzi migjuba kontriha (ara inter alia Av. Josè A. Herrera nomine vs. Avukat Generali et maqtugha mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta` April 2011 u Joseph Ellul Grech vs. Avukat Generali et maqtugha mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta` April 2016, ara kemm huwa aktar legali li*

*zzomm persuna arrestata minhabba li din tkun instabet hatja bis-sahha ta` sentenza moghtija minn qorti. Htija li fuq kollox tkun giet ikkonfermata wkoll wara l-appell;*

*9. Illi kemm hu hekk, jekk ikun hemm sentenza ta` detenzjoni/prigunerija gejja mill-Qorti, allura dik ic-cahda tal-libertà tkun legittimata skont l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 (1)(b) tal-Kostituzzjoni ta` Malta rispettivament;*

*10. Illi huwa minnu li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali giet mibdula mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn ghandu x`jaqsam mal-piena imma b`daqshekk dan ma jfissirx li l-arrest tar-rikorrent kien wiehed arbitrarju. Meta l-Pulizija arrestaw lir-rikorrent, dan sar fuq is-sahha ta` sentenza li sa dak il-hin kienet meqjusa bhala wahda li saret gudikat minhabba l-abbandun tal-appell u ghalhekk fil-parametri tal-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 (1)(b) tal-Kostituzzjoni ta` Malta;*

*11. Illi l-fatt li aktar tard il-Qorti tal-Appell Kriminali hassret id-dikriet taghha dwar l-abbandun tal-appell u b`hekk is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali giet li ma baqghetx aktar ezegwibbli, ma jgibx b`daqshekk l-illegalità tad-detenzjoni tar-rikorrent, ghaliex jerga` jigi mtenni li meta saret id-detenzjoni kien hemm sentenza ta` qorti li kienet tiswa u li kellha tigi ezegwita;*

*12. Illi ladarba d-detenzjoni tar-rikorrent f`dan il-kaz kienet wahda gustifikabbli u permessibbli, ir-rikorrent m`ghandu jedd ghall-ebda kumpens skont l-artikolu 5(5) tal-Konvenzjoni Ewropea. Jigi b`hekk li anke t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent ma jistghux jintlaqghu;*

*13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Ghaldaqstant fid-dawl ta` dan kollu, l-esponent umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu.*

Rat ir-risposta li l-intimat Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali pprezentat fis-6 ta` Lulju 2020 li taqra :-

*1. Illi d-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali m`huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent;*

*2. Illi f`dan il-kaz ir-rikorrenti qieghed jilmenta li ma inghatax smigh xieraq minhabba li nzamm detenut fil-Facilita` Korrettiva ta` Kordin bejn l-20 ta` Frar 2019 u s-6 ta` Marzu 2019 sakemm kien hemm decizjoni in segwitu ghar-rikors prezentat minnu sabiex jigi revokat contrario imperio digriet li ddikjara appell tar-rikorrenti dezert;*

*3. Illi jigi rilevat illi ghal dan l-allegat nuqqas, zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabli l-esponenti.*

*4. Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta` Novembru, 2004 fejn intqal :*

*`Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa` taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f`dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.`*

5. *Illi l-esponent Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u fil-fatt lanqas biss kien ordnat biex jirrispondi ghar-rikors tar-rikorrenti;*

*6. Illi huwa risaput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa` taht l-ebda dipartiment governattiv u ghalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*7. Illi f`dan il-kuntest l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta` Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:*

*`Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista` jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f`din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, <u>huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skont il-ligi</u> – u hu ma hux f`posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x`ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta` dawk il-Qrati.`*

*8. Illi r-rikorrenti jilmenta wkoll mid-digriet tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta` Marzu tas-sena 2019 fejn gie ordnat jaghmel pagament lil martu qabel id-differiment li kien imiss sabiex jinstema` l-appell riappuntat u f`dan il-kuntest jigi rilevat li anke minn dan il-lat l-esponenti mhux il-legittimur kontradittur ghaliex m`ghandu ebda kontroll fuq id-decizjonijiet tal-Qrati;*

*9. Illi in oltre ssir riferenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) datata 12 ta` Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet* ***Dr Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali Qrati et;***

*10. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabli Qorti joghgobha tichad in toto t-talbiet tar-rikorrenti bl-spejjez kontra l-stess rikorrenti.*

Rat illi l-partijiet kienu diretti sabiex iressqu provi limitatament dwar l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari tal-intimati Ministru u Avukat tal-Istat, u l-ewwel (1) eccezzjoni tad-Direttur intimat.

Rat il-provi li tressqu dwar dawn l-eccezzjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar dawk l-eccezzjonijiet wara li semghet sottomissjonijiet bil-fomm.

Rat l-atti l-ohra.

## II. Provi

**Av. Dr John Bonello** xehed illi fuq inkarigu tar-rikorrenti huwa baghat ittra datata 17 ta` Ottubru 2019 permezz ta` liema r-rikorrenti ressaq l-ilment tieghu bit-tama li l-kwistjoni tigi rizolta bonarjament. Kopja ta` din l-ittra ntbaghtet lill-Ministru ghall-Gustizzja dak iz-zmien il-Ministru Dottor Owen Bonnici, lill-Prokuratur Legali Eunice Grech Fiorini fil-kapacita` taghha ta` Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ta` Malta, il-Marixxall Joseph Schembri u lill-Avukat Generali. Din l-ittra qatt ma giet imwiegba.

## III. Legittimita` tal-persuna

### 1. L-ewwel eccezzjoni tal-Ministru u l-Avukat tal-Istat

L-ilment tar-rikorrent twieled minn indikazzjoni (fil-fehma tieghu invertijiera) dwar kif saret in-notifika ta` atti gudizzjarji. Ghar-rikorrent, il-konsegwenza kienet ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu

kif sanciti taht l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni.

Ir-rikorrent ighid **ukoll** illi kompla jgarrab lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu minhabba dilungar inutli fil-proceduri fil-konfront tieghu.

L-agir lamentat ghalhekk jolqot kemm l-operat tal-Gudikatura, kif ukoll tal-Amministrazzjoni tal-Qorti ghar-rigward tal-izvolgiment tax-xoghol mid-dipendenti taghha, f`dan il-kaz il-Marixxall tal-Qorti illi ezegwixxa n-notifika u rrelata lura dwarha bir-riferta illi kienet inserita fl-atti tal-procediment kriminali kontra r-rikorrent.

Dwar il-prova illi trid issir sabiex ikun determinat min huwa l-legittimu kontradittur f`azzjoni gudizzjarja (inkluza dik kostituzzjonali) il-qorti tirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fid-19 ta` Lulju 2019 fil-kawza fl-ismijiet **Dr Frank Portelli v. Dr Josella Farrugia et noe** fejn inghad :

> *"Illi l-Qorti tqis li, qabel xejn, biex tirnexxi d-difiza li l-parti mharrka f`kawza mhijiex il-kontradittrici legittima tal-parti attrici, jehtieg li jintwera li ma jkunx hemm rapport guridiku bejn il-partijiet, kemm jekk dan ikun wiehed mibni fuq rabta kuntrattwali jew mod iehor. Ghalkemm dan jista` jidher li jitlob mill-eccipjenti l-prova ta` fatt negattiv, mhuwiex il-kaz ghaliex in-nuqqas ta` rabta guridika tal-parti mharrka tista` tintwera bi provi (kemm orali u kif ukoll dokumentali) li juru s-swaba` lejn haddiehor li ma jkunx il-parti li tecepixxi li mhix il-kontradittrici legittima tal-azzjoni attrici. Imbaghad, jaqa` fuq il-parti attrici li tiggustifika ghaliex, minkejja dawk il-provi, xorta wahda l-parti eccipjenti jmissha titqies bhala l-kontradittrici legittima tal-istess azzjoni;"*

Bl-eccezzjoni taghhom, il-Ministru ghall-Gustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u l-Avukat tal-Istat ighidu illi ma hemmx raguni ghaliex kellu jkun imharrek il-Ministru abbazi tal-Art 181B tal-Kap 12.

Ikompli jinghad ukoll illi l-Avukat tal-Istat kellu jigi mharrek sabiex iwiegeb safejn l-ilment jolqot ksur tal-jeddijiet fondamentali waqt illi d-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali kellu jigi msejjah sabiex iwiegeb ghal dik il-parti tal-ilment li tolqot l-agir tal-ufficjali ezekuttivi tal-qorti hekk kif stabbilit bl-Art 520 tal-Kap 9 li jaghmel referenza ghall-Artikolu 57 tal-Kap 12.

Il-kwistjoni tar-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern hija regolata bl-Art 181B tal-Kap 12 li kien introdott bl-Att XXIV tal-1995. Id-disposizzjoni titkellem dwar ir-rapprezentanza tal-Gvern u ma taghmel l-ebda distinzjoni dwar il-natura tal-procedimenti gudizzjarji civili u cioe` ikunux ordinarji jew kostituzzjonali/konvenzjonali. Hemm jinsab provdut espressament fis-subartikoluz (1) li, bhala regola generali, illi *"l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni".* Imbaghad fis-subartikolu (2) jinghad illi l-Avukat tal-Istat (qabel l-Avukat Generali) jidher in rapprezentanza tal-Gvern fil-kaz ta` dawk *"l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern".*

Il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 181B (1) huwa car u hieles minn ambigwita`.

Fis-sentenza li tat fit-12 ta` Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Grech et v. Awtorita` tad-Djar**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

> *"… il-konvenut huwa l-Gvern ta` Malta u, jekk ghandu jinghata rimedju mill-Gvern ta` Malta, kull ma hu mehtieg hu illi l-gvern ikun rapprezentat fil-kawza. Il-kwistjoni ghalhekk ma hijiex jekk ghandux ikun imharrek l-Avukat*

*Generali jew l-Awtorita` tad-Djar, izda min ghandu jidher f`isem il-Gvern ta` Malta. Dwar dan, il-ligi, fl-art. 181 B tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, hija cara: f`isem il-Gvern ta` Malta jidher il-"kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni"; jidher l-Avukat Generali f`isem il-Gvern ta` Malta biss "f`dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern*."

Fil-kawza fl-ismijiet **<u>H. Vassallo & Sons Limited v. Avukat Generali et</u>** li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Settembru 2011, l-intimati Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u Korporazzjoni Enemalta eccepew illi mhumiex legittimi kontradditturi u ghaliex kemm mil-ligi u kif ukoll mill-gurisprudenza kien jirrizulta li l-Avukat Generali kellu jkun imsejjah sabiex iwiegeb dwar allegat ksur ta` drittijiet fondamentali. Fis-sentenza taghha l-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :

*"Il-kwistjoni ta` rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern hija regolata bl-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta li gie introdott bl-Att XXIV tal-1995. Dan l-artikolu, filwaqt li jitkellem dwar ir-rapprezentanza tal-Gvern, ma jaghmel ebda distinzjoni bejn proceduri normali u dawk ta` natura kostituzzjonali. Hemm jinsab provdut espressament li, bhala regola generali "Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Din ir-regola izda ma tapplikax f`kawzi ghall-gbir ta` ammonti dovuti lill-Gvern, kwistjonijiet dwar impieg mal-Gvern u dwar kuntratti ta` provvista jew appalt li jehtiegu l-prezenza tal-Accountant General, tas-Segretarju Amministrattiv, jew id-Direttur tal-Kuntratti rispettivament.*

*B`dan kollu nsibu li s-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistabilixxi d-dritt ta` rapprezentanza tal-Gvern fl-Avukat Generali limitatament ghal dawk "l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux*

*jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."*

Minkejja dak li jinghad fl-Art 181B(2), diversi kienu l-istanzi fejn il-qrati rritenew illi l-Ministru responsabbli ukoll jista` jkun legittimu kontradittur. Hekk inghad minn din il-qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha tas-7 ta` Jannar 2020 fil-kawza fl-ismijiet **Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru Ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et**. Kien rilevat illi :-

*"Skont il-gurisprudenza tal-qrati taghna rigward l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Artikolu 181B, dan l-artikolu ma jfissirx illi awtomatikament l-Ministru responsabbli ma jista` qatt ikun il-legittimu kontradittur f`azzjoni gudizzjarja. Hekk per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Melita Cable p.l.c. vs Il-Ministru ghall-Izvilupp Urban u t-Toroq et*** *deciza mill-Qorti tal-Appell intqal deciza fis-6 ta` Frar 2015 illi:*

*"[q]ed jigi sottomess illi la darba l-awtoritajiet governattivi u dawk li jirregolaw il-komunikazzjoni huma parti fil-kawza, ma hux mehtieg il-prezenza tal-Ministru koncernat. Din il-Qorti ma taqbilx ma` din is-sottomissjoni. L-avviz legali in kwistjoni inhareg mill-imsemmi Ministru, u huma it-termini ta` dak l-avviz legali innifsu li qed jigu attakkati b`din il-procedura, u mhux il-hdim tal-istess avviz legali. L-awtoritajiet l-ohra jista` jkollhom interess peress illi huma implimentaw il-ligi, pero`, xorta wahda hemm bzonn li l-gvern ikun fil-kawza, l-aktar meta tqis illi huwa l-gvern li intrabat bit-trattat tal-Unjoni Ewropea li jara li l-ligijiet li jippromulga jkunu konformi mad-direttivi u r-regolamenti tal-istess Unjoni."*

*Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet* ***George Falzon vs Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent et*** *din il-Qorti diversament presjeduta kienet tal-opinjoni illi l-Ministru koncernat kien illegittimu kontradittur nonostante dak provdut fl-Artikolu 181B ghaliex:*

*"...minn qari tal-ligijiet in kwistjoni specjalment il-Kap 437 u cioé l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji li rresponsabbità dwar l-istess servizzi jirrisjedi sia fid-Direttur u sia fil-Ministru. Fil-fatt l-artikolu 48 tal-Kap. 437 jipprovdi li d-Direttur ghandu, inter alia, ikun il-konsulent ewlieni tal-Gvern dwar kull haga li ghandha x`taqsam mas-sahha pubblika tal-annimali jew dik veterinarja jew li jkollha x`taqsam, jew tkun konnessa mas-servizzi veterinarji tas-sahha u ghandu jirrapporta perjodikament lill-Ministru. Ma dan jinghad ukoll li l-Ministru bis-sahha tas-setgha moghtija bl-artikolu 10 tal-Att tal-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent hareg ir-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta` Sahha li jolqtu il-Produzzjoni u t-Tqeghid fis-Suq ta` Laham ta` Tjur Frisk liema regolamenti gew invokati meta l-attivita` tal-attur giet sospiza fis-sena 2004 (u cioé wara li kienet infethet din il-kawza)."*

*Fuq l-istess linja ta` hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Prim`Imhallef Emeritus Dr. Joseph Said Pullicino fil-kwalità tieghu ta` Ombudsman Parlamentari vs Il-Ministru ghall-Intern u Sigurtà Nazzjonali et*** *deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta` Ottubru 2015 gie rrilevat illi:*

*"[f]il-fehma tal-Qorti l-Ministru ghall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali gie mharrek korrettament u huwa l-legittimu kontradittur f`dawn il-proceduri peress li mill-atti tal-kawza jirrizulta b`mod car li kien taht id-direzzjoni tal-istess Ministru u fuq struzzjonijiet mahrugin minnu li ttiehdet id-decizjoni li l-Ministeru tieghu..."*

*F`dan il-kaz jirrizulta mix-xhieda ta` Oliver Magro illi d-decizjoni finali rigward il-pjan lokali u il-flood relief system kienet f`idejn il-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali. Ghalhekk, u fid-dawl tal-gurisprudenza appena citata, il-Qorti hija tal-fehma li l-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali gie mharrek korettament f`dawn il-proceduri, ghaliex jekk id-decizjoni li minnha qed isir ilment kienet*

*tal-Ministru, ghandu jkun il-Ministru li jirrispondi ghad-decizjoni tieghu f`din il-kawza*."

Il-gurisprudenza tislet distinzjoni netta bejn dawk il-kazijiet fejn il-Ministru kkoncernat ikun legittmu kontradittur u dawk fejn ma jkunx. Il-punt determinant huwa jekk il-Ministru ikunx involut fl-agir lamentat. Jekk ma jkollux involviment allura ma hemmx raguni ghaliex ghandu jwiegeb bhala konvenut fil-kawza.

Din kienet il-linja tal-hsieb traccjata fil-kawza fl-ismijiet **Jimmy Magro et v. Il-Prim Ministru ta` Malta et** li kienet deciza minn din il-qorti diversament presjeduta fid-29 ta` Ottubru 2020 u li minnha ma kienx hemm appell.

Inghad hekk :-

"*Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta` min ghandu jwiegeb ghal xilja ta` ksur ta` jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-ghamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-ghamla ta` rimedju li jista` jinghata. Ilu zmien li l-Qrati taghna gharfu din ir-rejaltà u ghalhekk sawru d-distinzjonijiet mehtiega applikabbli ghall-bicca l-kbira mill-kazijiet. Ghalhekk, illum il-gurnata jingharfu kategoriji differenti ta` persuni li jistghu jitqiesu bhala legittimi kuntraditturi f`azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jigifieri (a) dawk li jridu jwiegbu direttament jew indirettament ghall-ghemil li jikser id-dritt fundamentali ta` persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu rrimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-eghmejjel li bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta` xi hadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f`kawza meta kwestjoni ta` xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigh ta` xi kawza f`qorti. Ma` dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawza, jistghu jiddahhlu persuni ohrajn bil-ghan li jaghmlu shih il-gudizzju u jaghmluh rapprezentattiv ta` kull interess involut fil-kwestjoni, l-izjed fejn il-kwestjoni mistharrga fl-ilment tkun tolqot fil-laham il-haj xi jedd jew l-interessi taghhom u biex ikun hemm integrità tal-gudizzju;*

*Illi jekk wiehed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrent f`din il-kawza, wiehed isib li dawn kollha jirrigwardaw il-fatt li l-Kummissjoni kienet qieghda tistharreg ilment maghmul dwaru u t-tfassil tar-rapport li baghtet lill-Ministru intimat. Fi kliem iehor, l-ilmenti tar-rikorrent jintrabtu kollha mal-fatt tal-procediment quddiem il-Kummissjoni. Ghalhekk, bi thaddim ta` dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghall-ilment tieghu la ghandhom iwiegbu l-intimat Prim Ministru u lanqas lintimat Avukat tal-Istat. Fir-rigward tal-ewwel, ma ntwera bl-ebda mod li dan kien wettaq jew ordna li titwettaq xi haga li dwarha jilminta ir-rikorrent; fil-kaz tat-tieni, lanqas ma ntwera li l-Avukat tal-Istat iddahhal jew indahal fl-ghoti ta` xi parir jew fl-uzu ta` xi diskrezzjoni dipartimentali li dwarha r-rikorrent jghid li garrab xi ksur tal-jeddijiet tieghu. Lanqas ma huwa mistenni li dawn iz-zewg intimati jaghtu lir-rikorrent xi rimedju minnu mitlub f`kaz li l-Qorti ssib li lilment tieghu huwa misthoqq;*

*Illi jibqa` li wiehed jara jekk l-intimat Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali jmissux jew le jibqa` fil-kawza. Mill-atti jirrizulta li l-Kummissjoni baghtet lill-Ministru r-rapport bil-konkluzjonijiet taghha, kif titlob il-ligi. Ma jirrizultax li tul l-investigazzjoni mill-Kummissjoni, il-Ministru kien b`xi mod involut. Ghaldaqstant, ladarba l-ilment tar-rikorrent jintrabat mal-mod ta` kif imxiet il-Kummissjoni fl-istharrig tal-ilment li tressaq dwaru, il-Ministru intimat ma jidher li jista` jwiegeb ghall-ebda ghemil jew omissjoni min-naha tieghu, u ghalhekk huwa wkoll ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju*;"

Ezaminati c-cirkostanzi li wasslu ghall-ilment tar-rikorrent, il-qorti ssib illi r-rikorrent ma jistax jattribwixxi *dolo* jew *culpa* lill-Ministru de proprio.  Lanqas ma jista` jikseb kumpens minghandu ladarba l-agir lamentat jolqot direttament l-operat tal-Gudikatura u dak tal-Amministrazzjoni tal-Qorti.  Ghall-fini tal-eccezzjonijiet li qeghdin jigu decizi llum, ma tressqu ebda provi li juru li l-Ministru (jew

il-Ministeru) qatt indahal fil-mod kif kellhom jitmexxew il-proceduri gudizzjarji jew inkella fil-process dwar kif kellha ssir in-notifika tal-atti. Bil-fatt wahdu illi r-rikorrent baghat ittra lill-Ministru bl-ilment tieghu u l-fatt li ma kienx hemm risposta ghall-ittra bl-ebda ma jfisser jew jimplika li l-Ministru kien responsabbli ghal xi ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent.

**L-eccezzjoni preliminari safejn din tirrigwarda l-posizzjoni tal-Ministru ntimat qeghda tkun milqugha u ghalhekk qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.**

Ghad illi l-intimat Avukat tal-Istat ma ressaq ebda eccezzjoni ghar-rigward il-*locus standi* tieghu, in vista tal-mod kif kienet impostata l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Ministru u tal-Avukat tal-Istat, il-qorti sejra tqis xorta wahda l-posizzjoni tal-Avukat tal-Istat a skans ta` dubji jew ekwivoci.

L-Avukat tal-Istat bhala r-rapprezentant tal-Istat huwa l-persuna li tkun trid taghti rimedju fil-kaz li sentenza tal-qorti ssib ksur ta` jeddijiet fondamentali. F`dan il-kaz jekk fil-mertu l-qorti ssib favur ir-rikorrent u tillikwida kumpens favur tieghu l-ordni biex isir il-hlas tkun diretta lill-Avukat ta`l-Istat. Hija kostanti l-gurisprudenza li f`kaz ta` sejbien ta` vjolazzjoni ta` jeddijiet fondamentali huwa l-Istat li jrid iwiegeb kif rapprezentat mill-Avukat tal-Istat.

Fis-sentenza taghha tas-27 ta` Settembru 2019 fl-ismijiet **<u>Marion Pace Asciak et v. L-Onor Prim Ministru et</u>** il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi:

*"f`kaz ta` sejbien ta` vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali, ir-rimedju ghandu jinghata mhux mill-Ministru intimat izda mill-Gvern ta` Malta. Strettament, skond l-istess art. 181B lanqas ma ghandu jkun il-Prim Ministru li jirrapprezenta l-Gvern ta` Malta izda l-Avukat Generali."*

Fuq nota simili kienet id-decizjoni li tat din il-qorti diversament presjeduta fit-8 ta` Novembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Michael Pesa v. Direttur ghad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali et** u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` Settembru 2019. L-ewwel qorti rrimarkat illi :-

> "… *ladarba bicca sewwa mill-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali jirrigwarda l-imgiba ta` qorti (l-Qorti Civili (Sezzjoni al-Familja)), ma jistax jinghad li l-intimata l-ohra ghandha titqies bhala l-Kap tad-Dipartiment li twiegeb ghall-Qrati ghall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta. F`cirkostanzi bhal dawn, huwa generalment l-intimat Avukat Generali li jidher biex iwiegeb ghal ilmenti ta` din l-ghamla*".

Fis-sentenza li tat fit-8 ta` Novembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet **George Xuereb v. Registratur tal-Qrati et** il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar il-*locus standi* tal-Avukat Generali :

> *"L-Avukat Generali huwa persuna li hija kompriza fit-tieni kategorija in kwantu jekk, ghall-grazzja tal-argument, l-allegat lament tar-rikorrent jigi ppruvat, huwa f`pozizzjoni li jipprovdi rimedju finanzjarju – u fil-kaz odjern, ir-rimedju li mad-daqqa t`ghajn jidher li hu l-aktar indikat huwa dak tal-kumpens pekunjarju (kemm-il darba ma tiddecidix li s-semplici dikjarazzjoni li kien hemm lezjoni tammonta ghal "just satisfaction"). L-Avukat Generali huwa wkoll persuna tat-tieni kategorija in kwantu dejjem ghandu interess li jkun jaf u jara li l-ligijiet u l-proceduri gudizzjarji jikkonformaw ruhhom mal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea. Ghalhekk, ghalkemm fil-kaz odjern l-Avukat Generali ma hux il-persuna direttament jew indirettament responsabbli ghall-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent George Xuereb, certament ma jistax jinghad li huwa ma hux il-legittimu kontradittur f`dawn il-proceduri."*

Ta` rilevanza ghall-kaz ta` llum huwa dak illi qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-25 ta` Mejju 2012 fil-kawza fl-ismijiet : **Ramadan Wahba Mabrouk Louay v. L-Onorevoli Vici Prim Ministru et** Inghad hekk :

> "*30. L-access ghal Qorti jigi garantit mill-Istat u mhux minn xi funzjonarju partikolari tieghu. Jekk dak l-access ma hux moghti mil-ligi ebda Kap ta` Dipartiment u ebda Ministru tal-Gvern ma jista` jaghtih. Ghalhekk, fejn jigi allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba c-cahda ta` access ghal Qorti fid-decizjoni tad-drittijiet civili ta` persuna l-prezenza fil-kawza tal-Avukat Generali fil-vesti tieghu prevista fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 181 B tal-Kap. 12 tkun necessarja*."

Il-qorti tikkondividi bis-shih din il-linja ta` hsieb ghar-rigward tal-*locus standi* tal-intimat Avukat tal-Istat.

## 2. L-ewwel eccezzjoni tad-Direttur ntimat

Id-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali eccepixxa li mhuwiex legittimu kontradittur ghar-raguni illi huwa responsabbli unikament mill-amministrazzjoni tal-qrati u ghalhekk ma jistax jigi msejjah iwiegeb ghall-agir tal-Gudikatura li del resto huwa organu indipendenti.

Il-qorti taghmel referenza ghall-Art 520(1)(a) tal-Kap 9 li jirreferi ghall-Art 57. Fis-subartikolu (3) tal-Art 57 jinghad :-

> *Id-dmirijiet tad-Direttur Generali (Qrati) ghandhom jigu mwettqa mid-Direttur Generali (Qrati) innifsu jew minn dawk il-persuni l-ohra jew minn ufficjali ezekuttivi tal-qrati li l-Ministru responsabbli ghall-gustizzja jista` b`regolament jahtar, jew fin-nuqqas ta` regolament ta` din ix-xorta, minn kull persuna mahtura ghal hekk mid-Direttur Generali (Qrati); regolamenti ta` din ix-xorta jistghu wkoll jispecifikaw*

*d-dmirijiet li ghandhom jitwettqu minn kull persuna jew ufficjali bhal dawk.*

Fil-kaz odjern kien mharrek bhala konvenut id-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali bhala l-persuna responsabbli mill-ufficjal ezekuttiv illi ezegwixxa n-notifika.

Il-qorti tirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta` Novembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet **<u>George Xuereb v. Registratur tal-Qrati et</u>** fejn inghad :-

*`Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa` taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f`dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.`*

Fuq l-istess binarju kienet is-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta` Ottubru 2005 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Mark Lombardo et v. Kunsill Lokali Fgura</u>** fejn inghad :-

*`Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista` jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f`din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, <u>huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skont il-ligi</u> – u hu ma hux f`posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x`ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta` dawk il-Qrati.`*

L-istess linja ta` hsieb kienet riaffermata fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fl-14 ta` Dicembru 2012 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Ian Farrugia v. Avukat Generali et</u>** fejn inghad :-

*"Kif gia gie rilevat r-rikorrenti Farrugia jallega dewmien minhabba l-agir tal-prosekuzzjoni peress li l-istess prosekuzzjoni baqghet tiddilunga l-proceduri biex tkun tista tipproduci bhala xhud lill-ko-awtur Joseph Portelli, kif ukoll minhabba t-tmexxija tal-proceduri da parti tal-gudikant. Kwindi r-rikorrenti bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat dewmien ghal xi agir attribwibbli ghall-amministrazzjoni tal-Qrati, rapprezentata mill-intimat Direttur Generali tal-Qorti, li inoltre zgur li ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri li minnhom qieghed jilmenta irrikorrenti. L-istess intimat lanqas ma kien involut b`xi mod fil-kawza. Id-Direttur tal-Qrati huwa inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux mill-operat tal-gudikant, u dan peress illi l-gudikatura hija indipendenti mill-ezekuttiv. Kwindi din l-eccezzjoni kif sollevata mill-intimat Direttur tal-Qorti qieghda tintlaqa u l-istess intimat qed jgi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. rikorrent."*

**Mill-kazistika jirrizulta illi eccezzjoni bhal dik sollevata mid-Direttur intimat giet milqugha mill-qrati taghna. F`dik il-gurisprudenza l-eccezzjoni nghatat fi sfond fejn l-agir lamentat kien marbut <u>strettament mal-tmexxija tal-procediment gudizzjarju da parti tal-gudikant</u>. Il-qorti tikkondividi l-hsieb traccjat fil-gurisprudenza fis-sens illi d-Direttur intimat ma jistax jigi msejjah iwiegeb ghall-agir tal-gudikant u ghalhekk safejn l-ilment jolqot l-operat tal-qrati, id-Direttur intimat m`ghandux jitqies legittimu kontradittur.**

**Fil-kaz odjern <u>pero</u>` l-ilment tar-rikorrent jolqot <u>ukoll u direttament</u> l-imgieba tal-ufficjal ezekuttiv tal-qrati kriminali meta ghamel in-notifika.**

L-ilment skatta proprju minhabba l-mod kif saret in-notifika jew ahjar minn dak illi tnizzel fir-riferta. Il-Qorti tal-Appell Kriminali meta rat ir-referta qisitha bhala pozittiva u gabet ruhha konformement. Lil hinn mill-mertu tal-kawza, jirrizulta bhala fatt illi kienet proprju dik ir-

riferta li skattat il-kwistjoni li l-esitu taghha kien li l-appell kien dikjarat dezert. Kien hemm *ripple effect* ghaliex effett tad-dezerzjoni tal-appell is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fejn ir-rikorrent kien ikkundannat ghal zmien ta` prigunerija effettiva saret gudikat u kienet ezegwita bl-arrest tar-rikorrent.

Il-qorti hija tal-fehma li l-punt tat-tluq sabiex tasal ghad-decizjoni taghha fil-mertu huwa proprju l-modalita` ta` kif saret in-notifika u dak li eventwalment tnizzel fir-riferta. Huwa biss wara li l-qorti tisma` u taghrbel il-provi li tkun f`qaghda li taghti decizjoni.

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-qorti hija tal-fehma li d-Direttur intimat huwa legittimu kontradittur.

**L-eccezzjoni tad-Direttur qeghda tkun respinta.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tilqa` l-ewwel (1) eccezzjoni tal-intimati Ministru ghall-Gustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u l-Avukat tal-Istat limitatament safejn din tirrigwarda biss lill-Ministru ghall-Gustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza. Tiddikjara li l-istess Ministru mhuwiex legittimu kontradittur tal-rikorrent u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tichad l-ewwel (1) eccezzjoni tal-intimat Direttur Qrati u Tribunali Kriminali.**

**L-ispejjez relatati mad-decizjoni tal-lum jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**